MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2007

Numru. 60/2007

Il-Pulizija

(Spettur Josric Mifsud)

Vs

Hassan Omar Ali Abdulsalam ta' 26 sena, bin Omar u Aisha, imwieled Benghazi, nhar id-9 ta' Novembru 1980, residenti fil-fond numru mhux maghruf, detentur tal-passaport Libjan mhux maghruf.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Hasan Omar Ali Abdulsalam li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-2 ta' Settembru 2007, gewwa r-Rabat, Ghawdex ghal habta tad-sigha u nofs ta' fil-ghaxija:

(a) Harab minn post ta’ kustodja u mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, u cioe’ meta harab mil-Lock Up Centre tal-Pulizija gewwa Triq il-Kappuccini Rabat Ghawdex u dana bi ksur ta’l-artikolu 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(b) Ukoll talli nhar it-2 ta’ Settembru 2007 ghal habta tal-1700 tal-filghaxija gewwa r-Rabat Ghawdex, minghajr il-hsieb li jaghmel reat iehor, dahal f’dar fejn joqghod haddiehor cioe’ Paul Scicluna billi dahal bil-mohbi tieghu gewwa il-fond 43, Triq Luigi Camilleri, Rabat, Ghawdex jew b’qerq iehor u dana bi ksur ta’l-artikolu 339(o) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(c) Telaq minn Malta taht ordni ta’ tnehhija datata 7 ta’ Novembru 2005, jew ordni ta’ deportazzjoni, u minghajr ma talab permess biex jinzel l-art, u cioe’ nizel Malta bejn it-2 ta’ Settembru 2007 u is-7 ta’ Novembru 2005 f’Malta, jew permess biex jinzel l-art u jibqa’ Malta jew minghajr ma iddikjara espressament bil-miktub lill-Ufficjal Principali ta’l-Immigrazzjoni dina ic-cirkostanza u talli naqas li jaghmel dana, kull permess tali jew permess ta’ residenza li jinghatalu ikun null u bla effett minhabba biss dan in-nuqqas u dana bi ksur ta’l-artikolu 24 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) Talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta moghtija fis-7 ta’ Novembru 2005 u it-8 ta’ Novembru 2004 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu imhassra.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex dina l-kawza tinstema’ bil-procedura sommarja.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputat f’dana l-istadju bikri tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi dina ma hijiex l-ewwel darba illi l-imputat instab Malta minghajr il-permessi necessarji. Inoltre jidher illi lanqas biss ghandu residenza fissa u lanqas ghandu d-dokumenti necessarji sabiex huwa ikun jista’ jibqa’ f’dawn il-Gzejjer.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta’ u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta’l-imputat u wara li rat l-artikoli 151, 160 u 339(o) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 24 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat Hassan Omar Ali Abdusalam hati ta’l-akkuzi kif dedotti u tikkundannah ghal perijodu ta’ seba’ xhur prigunerijam minn liema perijodu ghandhu jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------